**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 225/2018 RM**

**Electrical Supplies & Services Limited (C27813)**

**-vs-**

**Dr. Graziella Tanti li b'digriet tal-5 ta' Frar 2020 giet mahtura bhala Kuratur Deputat biex tirrapprezenta lil Coge Impianti Societa Cooperativa**

**Illum, 12 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta` Electrical Supplies & Services Limited (C27813) ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lilha s-somma ta' 13,508.91 (tletttax -il elf hames mija u tmien ewro u wiehed u disghin centenzmu) rapprezentanti prezz ta' prodotti u merkanzija mibjugh u konsenjati lill-kumpanija intimata.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas dana d-debitu l-kumpanija intimata xorta wahda baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-kumpanija intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat illi d-diversi tentattivi ghan-notifika tas-socjeta` konvenuta fl-Italja kienu kollha bla success;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fil-5 ta' Frar 2020 gie mahtur Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta` konvenuta;

Rat ir-Risposta pprezentata mill-istess Kuratur Deputat fit-22 ta' Settembru 2020[1] fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti baghtet ittra permezz ta' posta registrata lis-socjeta` intimata – kopji hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok GT1' 'Dok GT2' izda ghadha qed tistenna risposta;

2. Illi l-esponenti Kuratur Deputat mhijiex edotti mill-fatti de quo u ghalhekk qed tirriserva d-dritt li tipprezenta risposta motivata u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-kaz, f' kaz u jekk tigi edotta mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri,

Bl-ispejjez.

[1] Fol. 89.

Semghet ix-xhieda ta' Dominic Mifsud in rapprezentanza tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2020;

Semghet lill-Kuratur Deputat tiddikjara fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2020 illi ma rnexxilhiex tikkomunika mas-socjeta` konvenuta u illi l-korrispondenza mibghuta lill-istess konvenuta permezz tal-posta registrata, giet mibghuta lura lilha;

Semghet lill-Kuratur Deputat fl-istess seduta tal-4 ta' Novembru 2020 li ma ghandhiex provi xi tressaq;

Rat illi l-partijiet qablu li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza;

Rat in-nota pprezentata mill-Kuratur Deputat fis-6 ta' Novembru 2020;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tas-socjeta` attrici f'din il-kawza hija ghall-hlas ta' somma komplessiva ta' €13,508.91 allegatament dovuta mis-socjeta` konvenuta skont kif jirrizulta mill-i*statement of account* Dok. DM1. Minn dan l-i*statement*, mahrug fit-23 ta' Settembru 2020, kif ukoll mix-xhieda ta' Dominic Mifsud, *financial controller* tas-socjeta` attrici, jirrizulta li din is-somma tirrapprezenta l-prezz ta' diversi fatturi dwar fornituri ta' materjal tal-elettriku lis-socjeta` konvenuta. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll bil-gurament illi l-imsemmija somma ta' €13,508.91 baqghet ma thallsitx u ghadha sal-lum dovuta.

Ikkunsidrat;

Illi fil-fehma tal-Qorti ix-xhieda ta' Dominic Mifsud, li kkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub fir-Rikors promotur u fl-i*statement of account* relattiv - fejn jinsabu indikati t-transazzjonijiet kollha tal-fornituri ta' merkanzija mibjugha lis-socjeta` konvenuta – huwa dovut, hija bizzejjed biex taghti sostenn lill-pretensjoni tal-istess socjeta` attrici. Maghdud dan in-nuqqas tas-socjeta` konvenuta illi tikkontesta u tirribatti din il-pretensjoni.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` illi tqis illi f'dan il-kaz, it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma mitluba, giet debitament ippruvata u konsegwentement, timmerita li tigi akkolta.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici is-somma ta' tlettax-il elf hames mija u tmien Euro u wiehed u disghin centezmu (€13,508.91) rapprezentanti prezz ta' prodotti u merkanzija mibjugha u konsenjati lill-istess socjeta` konvenuta, bl-imghax mid-data ta' kull fattura, u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**